32002R1597

L 240/34 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 7.9.2002

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1597/2002

## tas-6 ta' Settembru 2002

## li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE f'dak li għandu x'jaqsam il-format ta' listi nazzjonali tal-materjal bażiku ta' materjal riproduttiv tal-foresta

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar is-suq ta' materjal riproduttiv tal-foresta ([1]) u b'mod partikulari l-Artiklu 10(3) ta' l-istess Direttiva,

Billi:

(1) Skond l-Artiklu 10(1) tad-Direttiva 1999/105/KE l-Istati Membri se jissettjaw reġistru nazzjonali tal-materjal bażiku ta' l-ispeċi varji approvati fuq it-territorju tiegħu.

(2) Skond l-Artiklu 10(2) ta' l-istess Direttiva Stati Membri se jissettjaw taqsira tar-reġistru nazzjonali f'forma ta' lista nazzjonali li tkun fl-idejn fuq talba lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra. Il-lista nazzjonali se tkun ippreżentata f'forma komuni għal kull unità ta' approvazzjoni hekk kif imsemmi fl-Artiklu 4(2)(b) tad-Direttiva 1000/105/KE u speċifikat, għal kull kategorija ta' materjal riproduttiv għall-foresta fl-Artiklu 2(1) ta' l-istess Direttiva. Għall-kategoriji 'sors identifikat' u 'magħżul' taqsira ta' l-unitajiet ta' approvazzjoni fi ħdan reġjun wieħed ta' provenjenza huwa permess. Id-dettalji ta' l-informazzjoni li jridu jingħataw fil-lista huma speċifikati fl-Artiklu 10(2) imsemmi hawn fuq.

(3) Sabiex tkun assigurata l-funzjoni t-tajba tal-listi nazzjonali u l-komparabbiltà tagħhom, il-forma ta' dawk il-listi trid tiġi standardizzata fil-livell tal-Komunità. Dan għandu jgħin lill-Kummissjoni sabiex tippubblika l-lista intitolata 'Lista tal-Komunità ta' Materjal Bażiku Approvat għall-Produzzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Foresta', kif imsemmi fl-Artiklu 11(1) ta' dik id-Direttiva.

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament qegħdin skond l-opinjoni tal-Kumitat fuq iż-Żerriegħa u l-Propagazzjoni ta' Materjal għall-Agrikultura, Ortikultura u Forestrija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista nazzjonali msemmija fl-Artiklu 10(2) tad-Direttiva 1999 105/KE se titwettaq minn kull Stat Membru fil-forma standard hekk kif imniżżel fl-Anness. Kull Stat Membru se jagħmel il-lista tiegħu u jagħmilha aċċessibbli fuq talba lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra fil-forma ta' *spreadsheet* elettronika jew *data base*.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament se jitwettaq fl-20 ġurnata minn wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Komunitajiet Ewropej*.

Se tapplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 11, tal-15.1.2000, pġ. 17.

*ANNESS*

**Forma standard għal-listi nazzjonali ta’ materjal bażiku approvat mill-Istati Membri**

PARTI A

Struttura tal-lista nazzjonali ta’ materjal bażiku

| A | B | C | D | Post tal-materjal bażiku | | | | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | E | F | G | H | | | | | | |
| Membru Stat | Speċi tas-Siġra u Hybrids Artifiċjali Ta’ l-istess speċi | Kategorija | Reġjun ta’ Provenjenza u/sir nazzjonali Referenza tar-rereġistru Reġistru Bażiku Tal-materjal | Isem tal-Post jew isem approvat | Latitudni | Lonġitudni | Altitudni | Tip ta’ materjal bażiku | Arja | Oriġini | Oriġini għal Materjal bażiku Non autoch thnnnus;non-indigenous | Skop | Rimarki |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |

## PARTI B

Tagħrif ta' kif timla l-kolonni differenti tal-lista nazzjonali tal-materjal bażiku hekk kif preżentat f'parti A ta' dan l-Anness.

1. L-ispeċi għandhom jitniżżlu fil-lista fl-ordni alfabetiku (kolonna B) u f'kull speċi fl-ordni tal-kategoriji Artikolu 2(1) tad-Direttiva 1999/105/KE (kolonna C) li tibda bis-sors identifikat, u warajha sorsi magħżula, kwalifikati u eżaminati. Fost dawk li huma kwalifikati l-ordni tkun għalqa ta' żerriegħa, ġenituri ta' familja(i), klonu u taħlita ta' kloni waqt li fost dawk eżaminati, stand tiġi qabel l-għalqa ta' żerriegħa.

2. Il-kolonni differenti se jimtlew skond l-ordni stabbilit u l-*coding* ta' informazzjoni kif inhu speċifikat f'parti B.4 ta' dan l-Anness.

3. Kolonna B se timtela skond l-abbrevjazzjoni kif inhu speċifikat f'parti B.5 ta' dan l-Anness.

4. Ordni stabbilita u *coding information* għall-kolonna differenti tal-lista nazzjonali tal-materjal bażiku, kif preżentat fil-parti A ta' dan l-Anness.

| Kolonna tal-lista nazzjonali kif inhu speċifikat fil-Parti A | Tip ta' informazzjoni | Informazzjoni li qed tiġi konkluża | |
|---|---|---|---|
| A | Abbrevjazzjoni | Abbrevjazzjoni Stat Membru EU | |
| B | Abbrevjazzjoni | Ara Parti B.5 ta' dan l-Anness. Varjetajiet ta' Pinus nigra u speċi ta' Populus li għandha tintwera f'kolonna N | |
| C | Kodiċi | Sors identifikat: | 1 |
| | | Magħżula: | 2 |
| | | Kwalifikati | 3 |
| | | Eżaminati (evalwatiġenetikament/eżaminati komparattivament/eżaminati proviżjonalmentU se tintwera f'kolonna N): | 4 |
| D | Kodiċi ta' identità | Għal sorsi ta' żerriegħa u stands: | |
| | | Kodiċi tar-reġjun ta' provenjenza u/jew | |
| | | referenza ta' reġistru nazzjonali | |
| | | għal dħul kwalifikat u eżaminat: | |
| | | Referenza ta' reġistru nazzjonali biss | |
| E | Test | Isem tal-post għal sors taż-żerriegħa, stand, għalqa taż-żerriegħa, ġenituri tal-familja jew fejn dan mhux approprjat, per eżempju għal klonu jew taħlita ta' kloni, l-isem approvat | |
| F | Gradi u minuti | Espressi f'format sudo-deċimali - per eżempju 56°31'N huwa miktub bħala 56.31N; eżatti jew f'range. | |
| G | Gradi u Minuti | Imfissra f'format sudo-deċimali; eżatti jew range; Lvant jew Punent ta' Greenwich. | |
| H | Metri | Eżatti jew f'range | |
| I | Kodiċi | Sors taż-żerriegħa: | 1 |
| | | Stand: | 2 |
| | | Għalqa ta' żerriegħa: | 3 |
| | | Ġenituri tal-familja(i): | 4 |
| | | klonu: | 5 |
| | | Taħlita ta' kloni: | 6 |

| Kolonna tal-lista nazzjonali kif inhu speċifikat fil-Parti A | Tip ta' informazzjoni | Informazzjoni li qed tiġi konkluża | |
|---|---|---|---|
| J | Ettari | Għal *stands* imħalltin l-arja effettiva ta' l-ispeċi li qed nitkellmu dwarha.Fejn dan mhux approprjat, in-numru ta' siġar li warajhom hemm T se jintwera | |
| K | Kodiċi | Autochthonous/indiġeni: | 1 |
| | | Non-autochthonous/non-indiġeni: | 2 |
| | | Mhux magħruf: | 3 |
| L | Test | Oriġini ta' materjal bażiku se jintqal jekk identifikat bħala non-autochthonous/ non indiġenu fil-Kolonna K | |
| M | Kodiċi | Forestrija multifunzjonali: | 1 |
| | | Skopijiet oħra speċifiċi (għandhom ikunu ndikati f'kolonna N): | 2 |
| N | Test | informazzjoni oħra (ara wkoll kolonni B, C u M) | |

Fejn kolonna kwalunkwe ma jkollhiex bżonn tkun kompluta, jintuża NA biex juri li mhux applikabbli, sabiex jiddistingwieha minn sitwazzjoni fejn fiha ma jkun hemm xejn minħabba nuqqas ta' informazzjoni.

Kolonni F, G, H u J m'għandhomx bżonn jiġu kompluti għal materjal bażiku tat-tip ġenituri tal-familja(i), klonu jew taħlita ta' kloni.

5. Abbrevjazzjonijiet ta' l-isem botaniku ta' l-ispeċi tas-siġar hybrids artifiċjali tagħhom li se jintużaw għall-kolonna preżentati fil-Parti A ta' dan l-Anness B tal-lista nazzjonali bħala

| isem botaniku | var. sp | Abbrevjazzjoni |
|---|---|---|
| Abies alba Mill. | | aal |
| Abies cephalonica Loud. | | ace |
| Abies grandis Lindl. | | agr |
| Abies pinsapo Boiss. | | api |
| Acer platanoides L. | | apl |
| Acer pseudoplatanus L. | | aps |
| Alms glutinosa Gaertn. | | agl |
| Alms incana Moench. | | am |
| Betula pendula Roth. | | bpe |
| Betula pubescens Ehrh. | | bpu |
| Carpinus betulus L. | | cbe |
| Castanea sativa Mill. | | csa |
| Cedrus atlantica Carr. | | cat |
| Cedrus libani A. Richard | | ch |
| Fagus sylvatica L. | | fsy |
| Fraxinus angustifolia Vahl. | | fan |
| Fraxinus excelsior L. | | fex |

| isem botaniku | var. sp | Abbrevjazzjoni |
|---|---|---|
| Larix decidua Mill. | | lde |
| Larix x eurolepis Henry | | leu |
| Larix kaempferi Carr. | | lka |
| Larix sibirica Ledeb. | | lsi |
| Picea abies Karst. | | pab |
| Picea sitchensis Carr. | | psi |
| Pinus bmtia Ten. | | pbr |
| Pinus canariensis C. Smith | | pca |
| Pinus cembra L. | | pce |
| Pinus contorta Loud. | | pco |
| Pinus halepensis Mill. | | pha |
| Pinus leucodermis Antoine | | ple |
| Pinus nigra Arnold | var. austriaca<br>var. calabrica<br>var. corsicana<br>var. maritima<br>var. clusiana | pni |
| Pinus pinaster Air. | | ppa |
| Pinus pinea L. | | ppe |
| Pinus radiata D. Don | | pra |
| Pinus sylvestris L. | | psy |
| Populus spp.<br>u ibridi artificjali qalb dawk l-ispeċi | Alba<br>canadensis<br>nigra<br>tremula<br>eċċ. | pop |
| Prunus avium L. | | pav |
| Pseudotsuga menziesii Franco | | pme |
| Quercus cerris L. | | qce |
| Quercus ilex L. | | qil |
| Quercus petraea Liebl. | | qpe |
| Quercus pubescens Willd. | | qpu |
| Quercus robur L. | | qro |
| Quercus cobra L. | | qru |
| Quercus suber L. | | qsu |
| Robinia pseudoacacia L. | | rps |
| Tilia cordata Mill. | | tco |
| Tilia platyphyllos Scop. | | tpl |